# Gwida dwar dak li hu legali u illegali waqt

# l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa 2021

| **Speċi u Kwoti** | |
|---|---|
| Hu kkunsidrat illegali:<br>**Li tispara lejn, tferi, jew toqtol** speċi protetta<br>**Li toqtol għasafar iktar mill-kwoti permessi** ta' tajr li jista' jinqatel | |
| **Speċi ta' għasafar li jistgħu jiġu maqtula** | Is-Summiena |
| **Speċi protetti** li ma jistgħux jinqatlu: | Kull speċi oħra hi protetta, inkluż il-Gamiema |
| **Kwoti:** | Kwota komplessiva: 2,400 Summiena<br><br>Kull għasfur li jinqatel għandu jiġi rrapportat lill-awtoritajiet. Meta tintlaħaq il-kwota, l-istaġun tal-kaċċa jagħlaq. Wieħed ma jkunx qed jikkaċċja meta s-senter ikun mgħotti bil-*cover*. Senter mikxuf hu kkunsidrat li qiegħed għall-kaċċa. |

| **Ħinijiet** | |
|---|---|
| Ħinijiet **permessi:** | Minn sagħtejn qabel ma jisbaħ (i.e. xi l-4:30am) sa nofsinhar (12pm) mit-Tnejn sal-Ħadd (inkluż festi pubbliċi) |
| **L-istaġun:** | Staġun miftuħ: 10 ta' April sat-30 ta' April 2021 |

| **Postijiet fejn il-kaċċa hi projbita** | |
|---|---|
| Hu illegali li tikkaċċja jew li ġġorr senter: | |
| Fi **nħawi protetti jew madwarhom** | Dawn jinkludu Foresta 2000, ir-Riserva Naturali tal-Għadira u l-bajja tal-Mellieħa, ir-Riserva Naturali tas-Simar, ir-Riserva Naturali tas-Salina u Kennedy Grove, il-Buskett, Ta' Qali, u l-Ballut ta' Marsaxlokk |
| Fuq **gżejjer protetti:** | Filfla, Il-Gżejjer ta' San Pawl, Kemmuna u Kemmunett, Manoel Island, il-Ġebla tal-Ġeneral f'Għawdex |
| F'distanza ta' **200m minn postijiet abitati, l-ajruport u l-heliport** | Zoni abitati jew bini abitat,<br>L-ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-ħeliport tax-Xewkija Għawdex. |
| F'distanza ta' **50m minn triq prinċipali jew stazzjon ta' trasmissjoni tar-radju** | Pereżempju l-istazzjon ta' trasmissjoni ta' Ħad-Dingli.<br>Triq prinċipali hi kull triq li minnha jgħaddi s-servizz tat-trasport pubbliku bħalma hi pereżempju t-triq kostali tal-irdumijiet ta' Ħad-Dingli |
| **Minn karozza** | |
| **Minn bajjiet** jew minn distanza ta' **50m minn bajjiet** | Il-bajjiet tal-Għadira, Għajn Tuffieħa, Paradise Bay, Golden Bay. Diversi bajjiet oħra fil-Gżejjer Maltin. |

| | |
|---|---|
| **F'ċimiterji, ġonna pubbliċi, grawnds sportivi, proprjetà tal-Forzi Armati ta' Malta** | Jew minn 50m distanza minn dawn |
| **Siti oħra f'Għawdex** | Bħall-Irdumijiet ta' Ta' Ċenċ, Il-Qawra, l-Għolja ta' Għammar |

| **Snieter** | |
|---|---|
| Hu illegali li: | |
| Tuża jew tkun fil-pussess ta' **senter modifikat** | Senter li kapaċi jispara iktar minn tliet tiri wara xulxin |
| Tuża jew tkun fil-pussess ta' **armi tan-nar li kapaċi jżommu iktar minn żewg skrataċ** | Dan jinkludu snieter awtomatiċi jew semiawtomatiċi |
| Li tkun fil-pussess ta' **senter jew munizzjon mhux magħluq barra l-ħinijiet permessi għall-kaċċa** | Qabel l-4:30am u wara nofsinhar (12pm) |
| Li tkun fil-pussess ta' **senter jew munizzjon mhux magħluq barra f'zoni fejn il-kaċċa mhix permessa** | Ara l-lista fejn il-kaċċa hi projbita |

| **Metodi oħra** | |
|---|---|
| Hu illegali li: | |
| Isir użu minn **apparat tal-għajjat artifiċjali** | Dawn jinkludu kull forma ta' għajjat artifiċjali permezz ta' apparat elettroniku |
| Isir użu minn ***decoys* ta' tajr protett, jew ta' tajr ħajr li jkun immutilat jew għama** | Kull speċi li mhix Summiena ma tistax tintuża bħala *decoy* |
| Kull tip ta' **nsib** | Kull xorta ta' nsib hu illegali fir-rebbiegħa. Dan jinkludi l-użu ta' xbiek, trabokki, renji u metodi oħra |
| **Użu ta' art privata** | Kull kaċċa li ssir fuq art privata, għanda tkun bil-permess tas-sid tal-art |